Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/34/KEE

tat-28 ta'April 1992

dwar il-*marketing* tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott

(ĠU L 157, 10.6.1992, p. 10)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Commission Decision 93/401/EEC of 16 June 1993 (*)	L 177	28	21.7.1993
►**M2**	Commission Decision 94/150/EC of 15 February 1994 (*)	L 66	31	10.3.1994
►**M3**	Commission Decision 95/26/EC of 8 February 1995 (*)	L 36	36	16.2.1995
►**M4**	Commission Decision 97/110/EC of 17 January 1997 (*)	L 39	22	8.2.1997
►**M5**	Commission Decision 1999/30/EC of 18 December 1998 (*)	L 8	30	14.1.1999
►**M6**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/112/KE tal-11 ta' Frar 2002	L 41	44	13.2.2002
►**M7**	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 ta' l-14 ta' April 2003	L 122	1	16.5.2003
►**M8**	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/61/KE tat-18 ta' Ġunju 2003	L 165	23	3.7.2003
►**M9**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/111/KE tas-26 ta' Novembru 2003	L 311	12	27.11.2003
►**M10**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/54/KE tal-25 ta Jannar 2005	L 269M	303	14.10.2005
►**M11**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/776/KE tat-28 ta' Novembru 2007	L 312	48	30.11.2007

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/34/KEE

tat-28 ta'April 1992

dwar il-*marketing* tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2])

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-produzzjoni tal-frott tokkupa post importanti fl-agrikoltura Komunitarja;

Billi r-riżultati sodisfaċenti fil-koltivazzjoni tal-frott jiddependu sa ċerta punt fuq il-kwalità u s-saħħa tal-pjanti tal-materjal li jintuża għall-propagazzjoni tagħhom u għall-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott; billi ċerti Stati Membri bħala konsegwenza introduċew regoli maħsuba biex jiggarantixxu l-kwalità u s-saħħa tal-pjanti tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u l-pjanti tal-frott li jinħarġu fis-suq;

Billi t-trattament differenti li jingħata lill-materjal tal-propagazzjoni u lill-pjanti tal-frott fl-Istati Membri differenti x'aktarx li joħloq ostakoli fil-kummerċ u b'hekk ifixkel il-moviment liberu ta' dawn l-oġġetti fil-Komunità; billi, bil-ħsieb li jintlaħaq is-suq intern, dawn l-ostakoli għandhom jitneħħew, billi jiġu addottati d-dispożizzjonijiet Komunitarji biex jieħdu l-post ta' dawk stabbiliti mill-Istati Membri;

Billi l-istabbiliment tal-kondizzjonijiet armonizzati fil-livell Komunitarji jiżgura illi x-xerrejja fil-Komunità kollha jirċievu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li jkunu b'saħħithom u ta' kwalità tajba;

Billi, safejn u sakemm jirrigwardaw is-saħħa tal-pjanti, dawn il-kondizzjonijiet armonizzati jridu jkunu konsistenti mad-Direttiva tal-Kunsill 77/93/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-miżuri ta' protezzjoni kontra d-dħul fl-Istati Membri ta' l-organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-pjanti u lill-prodotti mill-pjanti ([4]);

Billi huwa approprjat illi fil-bidu jiġu stabbiliti regoli Komunitarji għal dawk il-ġeneri u speċji ta' pjanti tal-frott li huma ta' impor tanza ekonomika maġġuri fil-Komunità, bi proċedura Komunitarja sabiex jiżdiedu iktar ġeneri u speċji aktar tard;

Billi, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-saħħa tal-pjanti tad-Direttiva 77/93/KEE, mhux il-każ li jiġu applikati r-regoli Komunitarji dwar it-tqegħid fis-suq tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott meta jintwera illi dawn il-prodotti huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, peress illi r-regoli li japplikaw hemm jistgħu jkunu differenti minn dawk li jinsabu f'din id-Direttiva;

Billi l-istabbiliment tal-livelli tas-saħħa u l-kwalità tal-pjanti ta' kull ġeneru u speċje tal-pjanti tal-frott jeħtieġu konsiderazzjoni twila u teknikament iddettaljata u xjentifika; billi għandha għalhekk tiġi stabbilita proċedura għal dan l-iskop;

Billi l-ewwel nett hija r-responsabbiltà tal-fornituri tal-materjal tal-propagazzjoni u/jew tal-pjanti tal-frott li jiżguraw illi l-prodotti tagħhom iwettqu l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva;

([1]) ĠU C 52, tat-3.3.1990, p. 16 u
ĠU C 307, tas-27.11.1991, p. 15
([2]) ĠU C 240, tas-6.9.1991, p. 197
([3]) ĠU C 182, tat-23.7.1990, p. 21
([4]) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 20; Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/10/KEE (ĠU L 70, tas-17.3.1992, p. 27)

▼B

Billi l-awtoritàjiet kompetenti ta' l-Istati Membri jridu, meta jwettqu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet, jiżguraw illi l-forniturijwettqu dawn il-kondizzjonijiet rigward il-materjal tal-propagazzjoni jew tal-pjanti tal-frott li jappartjienu għall-kategorija tas-CAC (*Conformitas Agraria Communitatis*);

Billi huwa indispensabli li jiġi pprovvdut għal kategoriji oħra tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott li għalihom il-materjal u l-pjanti msemmija jridu jkunu bla ħsara għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali;

Billi għandhom jiddaħħlu miżuri Komunitarji ta' kontrolli biex jiżguraw l-applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha tal-livelli stabbiliti f'din id-Direttiva;

Billi hija konsistenti mal-prattika agrikola korrenti li jkun meħtieġ illi ċertu materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott jew jiġu eżaminati uffiċjalment, jew ikunu ddikjarati ħielsa mill-virusijiet, jiġifieri li misjuba ħielsa minn kull virus magħruf u mill-patoġeni li jixbhu l-virusijiet, jew jerġgħu jiġu ttestjati għall-virusijiet, jiġifieri li nstabu ħielsa minn virusijiet speċifiċi u patoġeni li jixbħu l-virusijiet li jnaqqsu l-utilità tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott;

Billi huwa fl-interess tax-xerrejja tal-materjali tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott li jkunu magħrufa l-ismijiet tal-varjetajiet u li tkun issalvagwardata l-identità tagħhom;

Billi l-għan iddikjarat hawn jista' jintlaħaq l-aħjar jew permezz tal-għarfien komuni tal-varjetajiet jew billi tkun disponibbli d-deskrizzjoni mfassla u miżmuma mill-fornitur; billi madankollu, fil-każ ta' l-aħħar il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott jistgħu ma jiksbux aċċess għall-kategoriji li huma bla ħsara għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali;

Billi, sabiex jiġu żgurati l-identità u t-tqegħid fis-suq bl-ordni tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott, għandhom jiġu stabbiliti r-regoli Komunitarji rigward is-separazzjoni tal-lottijiet u tal-marki; billi t-tikketti użati għandhom jagħtu l-partikolaritajiet meħtieġa kemm għall-kontroll uffiċjali u kemm għat-tagħrif ta' l-utent;

Billi għandhom jiġu stabbiliti regoli illi, fil-każ ta' diffikultajiet temporanji tal-provvista, jippermettu t-tqegħid fis-suq tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott bla ħsara għal ħtiġiet inqas stretti minn dawk li jinsabu f'din id-Direttiva;

Billi, bħala l-ewwel pass lejn kondizzjonijiet armonizzati, l-Istati Membri għandhom, fil-każ tal-ġeneri u l-ispeċi msemmija fl-Anness II, li għalihom sejrin jitfasslu skedi, jiġu pprojbiti milli jimponu kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet ġodda fuq it-tqegħid fis-suq, għajr dawk ipprovvduti f'din id-Direttiva;

Billi għandhom jintgħamlu dispożizzjonijiet biex jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq fil-Komunità tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti f'pajjiżi terzi, dejjem sakemm joffru l-istess assigurazzjonijiet bħall-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti fil-Komunità u sakemm iħarsu r-regoli Komunitarji;

Billi, sabiex jiġu armonizzati l-metodi tekniċi ta' l-eżami użati fl-Istati Membri u sabiex jiġu pparagunati l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott prodotti fil-Komunità ma' dawk prodotti f'pajjiżi terzi, għandhom jitwettqu provi komparattivi sabiex jikkontrollaw it-tħaris tal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva minn dawn il-prodotti;

Billi, sabiex tiġi ffaċilita l-ħidma effettiva ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tkun fdata bl-inkarigu li tadotta miżuri sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva u sabiex jiġi emendat l-Anness tagħha; u sabiex tipprovdi proċedura għal dan l-iskop li tinvolvi l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kommissjoni u l-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti tal-Ġeneri u l-Ispeċi tal-Materjal tal-Propagazzjoni u tal-Pjanti tal-Frott,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

▼B

L-Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tapplika għat-tqegħid fis-suq tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u l-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott fil-Komunità.

2. L-Artikoli 2 sa 20 u l-Artikolu 24 għandhom japplikaw għall-ġeneri u l-ispeċji elenkati fl-Anness II kif ukoll għall-ibridi tagħhom.

Ir-riżomi u l-partijiet l-oħra tal-pjanti ta' ġeneri u speċi oħra jew l-ibridi tagħhom għandhom ukoll ikunu bla ħsara għall-Artikoli hawn fuq imsemmija jekk il-materjal ta' wieħed mill-ġenera jew ta' l-ispeċi msemmija jew l-ibridi tagħhom jiġi mlaqqam jew irid jitlaqqam magħhom.

3. Għandhom jiġu addottati emendi għall-lista tal-ġeneri u ta' l-ispeċi fl-Anness II skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22.

L-Artikolu 2

Din id-Direttiva ma tapplikax għall-materjal tal-propagazzjoni jew għall-pjanti tal-frott maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, jekk ikunu identifikati kif approprjat bħala ta' hekk u jinżammu iżolati biżżejjed, mingħajr preġudizzju għar-regoli tas-saħħa stabbiliti fid-Direttiva 77/93/KEE.

Għandhom jiġu addotati miżuri sabiex jiġi implimentat l-ewwel paragrafu, b'referenza partikolari għall-identifikazzjoni u l-iżolament, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

L-Artikolu 3

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) *materjal tal-propagazzjoni*: iż-żerriegħa, il-partijiet minn pjanti u l-materjal kollu mill-pjanti, inklużi r-riżomi, maħsuba għall-propagazzjoni u l-produzzjoni tal-pjanti tal-frott;

(b) *pjanti tal-frott*: il-pjanti maħsuba biex jinżergħu jew jerġgħu jinżergħu, wara *marketing*;

(ċ) *materjal pre-bażiku*: il-materjal tal-propagazzjoni:

(i) li kien prodott skond metodi ġeneralment aċċettati bil-ħsieb li tibqa' tinżamm l-identità tal-varjetà, inklużi l-karatteristiċi relevanti tal-valur pomoloġiku tagħha, li jistgħu jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, u biex jiġi evitat il-mard;

(ii) li hu maħsub għall-produzzjoni tal-materjal bażiku;

(iii) li jissodisfa l-kondizzjonijiet għall-materjal pre-bażiku stabbilit fl-iskeda għall-ispeċji interessati, stabbiliti skond l-Artikolu 4, u

(iv) li, wara spezzjoni uffiċjali, kien irrikonoxxut li jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq;

(d) *materjal bażiku*: il-materjal tal-propagazzjoni:

(i) li kien prodott jew direttament jew f'numru magħruf ta' stadji f' manjiera veġetattiva mill-materjal pre-bażiku, skond metodi ġeneralment aċċettati, bil-ħsieb li tibqa' tinżamm l-identità tal-varjetà, inklużi l-karatteristiċi rilevanti tal-valur pomoloġiku tagħha, li jistgħu jkunu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, u li jiġi pprevenut il-mard;

(ii) li hu maħsub għall-produzzjoni tal-materjal attestat;

(iii) li jissodisfa l-kondizzjonijiet għall-materjal bażiku stabbilit fl-iskeda għall-ispeċji interessati, stabbiliti skond l-Artikolu 4; u

▼B

(iv) li, wara spezzjoni uffiċjali, kien irrikonoxxut li jħares il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq;

(e) *materjali attestati*: il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott:

(i) li kienu prodotti jew direttament jew f'numru magħruf ta' stadji f'manjiera veġetattiva mill-materjal bażiku;

(ii) li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-materjal attestat stabbilit fl-iskeda għall-ispeċji interessati, stabbiliti skond l-Artikolu 4;

(iii) li, wara spezzjoni uffiċjali, kienu rrikonoxxuti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq;

(f) *materjal tas*-CAC (*Conformitas Agraria Communitatis*): il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li jissodisfaw il-kondizzjonijiet minimi stabbiliti għal din il-kategorija li għandha x'taqsam ma' l-ispeċi interessati fl-iskeda stabbilita skond l-Artikolu 4;

(g) *materjal ħieles mill-virusijiet (v.f.)*: il-materjal li ġie ttestjat u nstab ħieles mill-infezzjoni skond il-metodi tax-xjenza rrikonoxxuti internazzjonalment, ikun instab ħieles mis-sintomi ta' kull virus jew patoġenu li jixbah lill-virus bi spezzjoni fl-istaġun tat-tkabbir, baqa' jinżamm skond il-kondizzjonijiet li jiżguraw li jibqa' ħieles mill-infezzjoni, u huwa meqjus ħieles mill-virusijiet kollha u l-patoġeni li jixbhu lill-virusijiet kollha magħrufa fl-ispeċji interessati li jiġru fil-Komunità. Il-materjal imnissel mill-ħxejjex ta' l-ikel f'linja diretta f'numru speċifiku ta' stadji minn dan il-materjal, li jkun instab ħieles mis-sintomi ta' kull virus jew patoġeneru lil jixbah lill-virus bi spezzjon fl-istaġun tat-tkabbir, u prodott u baqa' miżmum skond il-kondizzjonijiet li jiggarantixxu l-ħelsien mill-infezzjoni, għandu wkoll ikun ikkonsidrat ħieles mill-virusijiet. In-numru speċifiku ta' l-istadji għandu jkun indikat fl-iskeda ta' l-ispeċji interessati, stabbilita skond l-Artikolu 4;

(h) *materjal ittestjat għall-virusijiet (v.t.)*: il-materjal li ġie ttestjat u nstab ħieles mill-infezzjoni skond il-metodi tax-xjenza rrikonoxxuti internazzjonalment, ikun instab ħieles mis-sintomi ta' kull virus jew patoġeneru li jixbah lill-virus bi spezzjon fl-istaġun tat-tkabbir, kien baqa' miżmum skond il-kondizzjonijiet li jiżguraw illi jibqa ħieles mill-infezzjoni, u jkun meqjus ħieles minn ċerti virusijiet serji u patoġeni serji li jixbhu lill-virusijiet magħrufa fl-ispeċji interessati li jiġru fil-Komunità u li kapaċi jnaqqsu l-utilità tal-materjal. Il-materjal imnissel veġetattivament f'linja diretta f'numru speċifiku ta' stadji minn dan il-materjal, li jkun instab ħieles mis-sintomi ta' kull virus jew patoġeneru li jixbah lill-virus bi spezzjon fl-istaġun tat-tkabbir u prodott u miżmum taħt kondizzjonijiet li jiggarantixxu l-ħelsien mill-infezzjoni, għandu wkoll jiġi meqjus bħala ttestjat għall-virus. In-numru speċifiku ta' l-istadji għandu jkun indikat fl-iskeda ta' l-ispeċji interessati, stabbilita skond l-Artikolu 4;

(i) *fornitur*: kull persuna fiżika jew ġuridika li twettaq professjonalment mill-inqas waħda mill-attivitajiet li ġejjin rigward il-materjal tal-propagazzjoni jew il-pjanti tal-frott: ir-riproduzzjoni, il-produzzjoni, il-preservazzjoni u/jew it-trattament, u t-tqegħid fis-suq;

(j) *it-tqegħid fis-suq*: iż-żamma disponibbli jew fil-ħażna, il-wirja jew l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ u/jew il-kunsinja lil persuna oħra, tkun xi tkun il-għamla, tal-materjal tal-propagazzjoni jew tal-pjanti tal-frott;

(k) *korp uffiċjali responsabbli*:

(i) l-awtorità waħdiena u ċentrali, stabbilita jew innominata mill-Istat Membru taħt is-sorveljanza tal-gvern nazzjonali u responsabbli mill-mistoqsijiet dwar il-kwalità;

(ii) kull awtorità ta' l-Istat stabbilita:

— jew fuq il-livell nazzjonali,

▼B

— jew fuq il-livell reġjonali, taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet nazzjonali fil-limiti stabbiliti bil-liġijiet nazzjonali ta' l-Istat Membru interessat.

Il-korpi riferiti fil-(i) u t-(ii) jistgħu, b'mod konformi mal-liġijiet nazzjonali tagħhom, jiddelegaw ix-xogħlijiet ipprovduti f'din id-Direttiva li jitwettqu taħt l-awtorità u s-sorveljanza tagħhom lil kull persuna legali, kemm jekk iggvernata mil-liġi pubblika jew dik privata, li skond l-istatut uffiċjali approvat tagħha, tiġi fdata b'funzjonijiet speċifiċi pubbliċi, sakemm din il-persuna, u l-membri tagħha, ma jkollhom l-ebda interess personali mir-riżultat tal-miżuri li tieħu.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi teżisti l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-korpi msemmija fit-(ii) u dawk imsemmija fil-(i).

Barra minn hekk, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, kull persuna legali oħra stabbilita f'isem il-korp riferit fil-(i) u t-(ii) u li taġixxi taħt is-sorveljanza u l-kontroll ta' dan il-korp, tista' tiġi approvata, sakemm din il-persuna ma jkollhiex interess personali fir-riżultat tal-miżuri li tieħu.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi uffiċjali responsabbli tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dan it-tagħrif lill-Istati Membri l-oħrajn;

(l) *miżuri uffiċjali*: il-miżuri meħuda mill-korp uffiċjali responsabbli;

(m) *spezzjoni uffiċjali*: l-ispezzjoni imwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli;

(n) *dikjarazzjoni uffiċjali*: id-dikjarazzjoni maħruġa mill-korp uffiċjali responsabbli jew fuq ir-responsabbiltà tiegħu;

(o) *lott*: numru ta' unitajiet ta' oġġett wieħed, li jingħaraf bl-omoġeneità fil-kompożizzjoni u l-oriġini tiegħu;

(p) *laboratorju*: korp taħt il-liġi pubblika jew privata li jwettaq l-analiżi u d-dijanjosi approprjata, sabiex jgħin lill-produttur jagħmel monitorġġ tal-kwalità tal-produzzjoni.

L-Artikolu 4

1. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 22, għandha tiġi stabbilita skeda fl-Anness I għal kull ġeneru u speċji riferiti fl-Anness II, b'referenza għall-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-pjanti stabbiliti fid-Direttiva 77/93/KEE li tapplika għall-ġeneru u/jew l-ispeċe interessata u tistablixxi:

(i) il-kondizzjonijiet tal-kwalità u s-saħħa tal-pjanti li jrid iħares il-materjal tas-CAC, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi applikati tal-propagazzjoni, għas-safa tal-wiċċ tar-raba' li jkun qiegħed jitkabbar, għall-aspetti tal-varjetali għajr fil-każ tar-riżomi, fejn il-materjal ma jappartjenix għal varjetà, għall-aspetti varjetali.

(ii) il-kondizzjonijiet li bihom iridu jħarsu l-materjal qabel dak bażiku, dak bażiku u dak attestat, rigward il-kwalità, is-saħħa tal-pjanti, il-metodi tat-testijiet u l-proċeduri applikati, is-sistema(i) applikata(i) tal-propagazzjoni u, għajr fil-każ tar-riżomi, fejn il-materjal ma jappajenix għal varjetà, għall-aspetti tal-varjetali.

(iii) il-kondizzjonijiet li r-riżomi u partijiet oħra tal-pjanti tal-ġeneru jew speċi oħra jridu jħarsu jekk il-materjal tal-propagazzjoni tal-ġeneru jew ta' l-ispeċje interessati jiġi mlaqqam fuqhom.

2. Jekk fl-iskeda ssir referenza għall-kwalifika "ħieles mill-virus (*v.f.*)" jew "eżaminat għall-virus (*v.t.*)", il-virus u l-patoġeni li jixbhu l-virus interessati għandhom jissemmew f'din l-iskeda.

▼B

Din id-dispożizzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis* fejn issir referenza għal kwalifika li tirrigwarda l-ħelsien mill-organiżmi ta' ħsara jew il-kixfa tagħhom għajr il-virusijiet jew il-patoġeni li jixbhu l-virus.

Ma għandha tintgħamel l-ebda referenza għall-*v.f.* jew il-*v.t.* rigward il-materjal imsemmi f' 1(i).

Rigward il-materjal imsemmi fis-subparagrafu 1(ii), għandha ssir referenza għall-kwalifiki msemmija hawn fuq fejn din ir-referenza hija rilevanti għall-ġeneru jew l-ispeċi interessati.

L-Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-fornituri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiggarantixxu l-ħarsien ta' l-istandards stabbiliti f'din id-Direttiva f'kull stadju tal-produzzjoni u tat-tqegħid fis-suq tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-fornituri għandhom jew iwettqu huma stess, jew iqabbdu li jitwettqu minn fornitur akkreditat jew minn korp uffiċjali responsabbli, spezzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

— l-identifikazzjoni tal-punti kritiċi fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom fuq il-bażi tal-metodi tal-produzzjoni użati,

— l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-metodi tal-monitorjar u tal-kontroll tal-punti kritiċi riferiti fl-ewwel inċiż,

— it-teħid tal-kampjuni għall-analiżi f'laboratorju akkreditat mill-korp uffiċjali responsabbli bl-iskop li tiġi kkontrollata l-konformità mal-livelli stabbiliti b'din id-Direttiva,

— iż-żamma ta' reġistrazzjoni bil-miktub jew ta' reġistrazzjoni mdaħħla fir-reġistru b'mod li ma jitħassarx, ta' l-informazzjoni riferita fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet inċiż, kif ukoll tar-reġistrazzjonijiet dwar il-produzzjoni u t-tqegħid fis –suq tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott, u li jridu jinżamm għad-dispożizzjoni tal-korp uffiċjali responsabbli. Dawn id-dokumenti għandhom jinżammu għal perjodu taż-żmien ta' mill-inqas tliet snin.

Madanakollu, il-fornituri li l-attività tagħhom f'din il-konnessjoni hija limitata biss għad-distribuzzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti u ppakkettjati fuq fond għajr tagħhom stess għandhom ikunu meħtieġa biss li jżommu reġistrazzjoni bil-miktub jew reġistrazzjoni rreġistrata b'mod li ma jitħassarx tax-xiri u l-bejgħ u/jew il-kunsinja tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-fornituri li l-attività tagħhom f'din il-konnessjoni hija limitata għall-provvista ta' kwantitajiet żgħar tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott lill-konsumaturi finali mhux professjonali.

3. Jekk ir-riżultat tal-kontrolli tagħhom infushom jew kull tagħrif għad-dispożizzjoni tal-fornituri riferiti fil-paragrafu 1 juri l-preżenza ta' l-organiżmu ta' ħsara jew aktar riferiti fid-Direttiva 77/93/KEE jew fi kwantità iktar milli normalment permessa biex jintlaħqu l-istandards, ta' dawk speċifikati fl-iskedi rilevanti stabbiliti skond l-Artikolu 4, il-fornituri għandhom minnufih jirrapportaw dan lill-korp uffiċjali responsabbli u jwettqu l-miżuri indikati minn dan il-korp jew kull miżura oħra meħtieġa biex inaqqsu r-riskju li jinfirxu dawn l-organiżmi ta' ħsara. Il-fornitur għandu jżomm irreġistati kull imxija ta' l-organiżmi ta' ħsara fuq il-fond tiegħu u tal-miżuri kollha li jittieħdu rigward dawn l-okkorrenzi.

4. Għandhom jiġu addottati regoli dettaljati sabiex jiġi applikat it-tieni sub-paragrafu tal-paragrafu 2 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

▼B

L-Artikolu 6

1. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jakkredita lill-forniturigaladarba jkun ivverifika illi l-metodi tal-produzzjoni u l-istabbilimenti tagħhom jilħqu l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva rigward in-natura ta' l-attivitajiet li jwettqu. L-akkreditazzjoni trid tiġi mġedda jekk fornitur jiddeċiedi li jwettaq attivitajiet għajr dawk li għalihom tkun ingħatat l-akkreditazzjoni.

2. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jakkredita l-laboratorji ġaladarba jkun ivverifikat li dawn il-laboratorji, il-metodi tagħhom, l-istabilimenti tagħhom u l-impjegati tagħhom, jilħqu l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, li jridu jiġu speċifikati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, rigward l-attivitajiet tat-testijiet li jwettqu. L-akkreditazzjoni trid tiġi mġedda jekk laboratorju jiddeċiedi li jwettaq attivitajiet oħra għajr dawk li għalihom tkun ingħatat l-akkreditazzjoni.

3. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jieħu l-miżuri meħtieġa jekk il-ħtiġiet riferiti fil-paragrafi 1 u 2 ma jibqgħux jintlaħqu. Għal dan l-iskop, għandu jqis b'mod partikolari l-konklużjonijiet ta' kull kontroll imwettaq skond l-Artikolu 7.

4. Is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-fornituri, l-istabbilimenti u l-laboratorji għandhom jitwettqu regolarment mill-korp uffiċjali responsabbli u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, li f'kull ħin għandu jkollu aċċess ħieles għall-partijiet kollha ta' l-istabilimenti, sabiex jiżgura t-tħaris tal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva. Għandhom jiġu addottati l-miżuri ta' implimentazzjoni li jirrigwardaw is-sorveljanza u l-monitorjar, kif meħtieġ, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

Jekk din is-sorveljanza u dan il-monitorjar juru illi l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma jkunux qegħdin jintlaħqu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa.

L-Artikolu 7

1. L-esperti tal-Kommissjoni jistgħu, b'kooperazzjoni mal-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istati Membri, jagħmlu eżamijiet fuq il-post sakemm dawn ikunu meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari biex jivverifikaw jekk il-fornituri jkunux fil-fatt iħarsu l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva. Stat Membru li fit-territorju tiegħu jkun qiegħed jitwettaq dan l-ispezzjoni għandu jagħti l-għajnuna kollha meħtieġa lill-esperti sabiex iwettqu dmirijiethom. Il-Kommissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri bir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet.

2. Għandhom jiġu addottati regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat il-paragrafu 1 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

L-Artikolu 8

1. Il-materjal tal-propagazzjoni jew il-pjanti tal-frott jistgħu jiġu mmarkitjati biss minn fornituri akkreditati, u sakemm iħarsu l-ħtiġiet stabbiliti għall-materjal tas-CAC fl-iskeda msemmija fl-Artikolu 4.

2. Ma jistax jiġi mogħti ċertifikat għall-materjal pre-bażiku, bażiku u attestat għajr jekk jappartjieni għal varjetà riferita fl-Artikolu 9(2)(i) u sakemm jilħaq il-ħtiġiet tal-kategorija interessata stabbilita fl-iskeda riferita fl-Artikolu 4. Il-kategorija għandha tiġi indikata fuq id-dokument uffiċjali riferit fl-Artikolu 11.

Rigward l-aspett varjetali, fl-iskeda li trid titfassal skond l-Artikolu 4, tista' ssir dispożizzjoni sabiex jiġu eżentati r-riżomi fejn il-materjal ma jappartjenix għal varjetà.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/93/KEE, il-paragrafi ta' qabel ma għandhomx japplikaw għall-materjal tal-propagazzjoni u għall-pjanti tal-frott maħsuba għal:

▼B

(a) il-provi jew l-iskopijiet xjentifiċi; jew

(b) ix-xogħol ta' l-għażla; jew

(ċ) il-miżuri għall-konservazzjoni tad-diversità ġenetika.

Għandhom jiġu addottati regoli ddettaljati sabiex jiġu applikati l-punti (a) u (b), kif meħtieġ, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21. Għandhom jiġu addottati regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat il-punt (ċ) preferibbilment qabel l-1 ta' Jannar 1993, skond l-istess proċedura.

L-Artikolu 9

1. Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott għandhom jiġu mmarkitjati b'referenza għall-varjetà tagħhom. Billi, fil-każ tar-riżomi, il-materjal ma jappartenix għal varjetà, għandha ssir referenza għall-ispeċi jew l-ibridu interspeċifiku interessati.

2. Il-varjetajiet li għalihom għandha ssir referenza skond il-paragrafu 1 iridu jkunu:

(i) jew magħrufa komunement, u protetti skond id-dispożizzjonijet dwar il-protezzjoni ta' varjetajiet ġodda ta' pjanti, jew irreġistrati uffiċjalment fuq bażi volontarja jew fuq bażi oħra;

(ii) jew imdaħħla fil-listi miżmuma mill-fornituri, bid-deskrizzjonijiet iddettaljati u d-denominazzjonijiet rilevanti tagħhom. Dawn il-listi jridu jkunu disponibbli, fuq talba, għall-korp uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru interessat.

Kull varjetà għandha tiġi deskritta u, sa fejn hu possibbli, għandu ikollha l-istess denominazzjoni fl-Istati Membri kollha, skond il-linji-gwida aċċettati internazzjonalment.

3. Il-varjetajiet jistgħu jiġu rreġistrati uffiċjalment jekk ikunu nstabu li jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet approvati uffiċjalment u jkollhom deskrizzjoni uffiċjali. Jistgħu jiġu rreġistrati uffiċjalment jekk il-materjal tagħhom ikun ġie mmarkitjat fit-territorju ta' l-Istat Membru interessat qabel l-1 ta' Jannar 1993, sakemm ikollhom deskrizjoni uffiċjali. Fil-każ ta' l-aħħar, ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2000, għajr jekk sa din id-data l-varjetajiet fil-kwistjoni kienu:

— jew ikkonfermati, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, b'deskrizzjoni ddettaljata jekk kienu rreġistrati uffiċjalment f'mill-inqas żewġ Stati Membri,

— jew irreġistrati skond l-ewwel sentenza.

4. Ħlief meta ikun imsemmi espliċitament l-aspett tal-varjetà fl-iskedi msemmija fl-Artikolu 4, il-paragrafi (1) u (2) ma għandhom jinvolvu l-ebda reponsabbiltà żejda għall-korp uffiċjali responsabbli.

5. Il-ħtiġiet tar-reġistrazzjoni uffiċjali riferiti fil-paragrafu 2(i) għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura sabilita fl-Artikolu 21, billi jitqies it-tagħrif xjentifiku u tekniku korrenti u li jkopri:

(a) il-kondizzjonijiet ta' l-aċċettazzjoni uffiċjali, li tista' tinkludi, b'mod partikolari, iċ-ċarezza, l-istabbilità u l-uniformità suffiċjenti;

(b) il-karatteristiċi li jridu mill-inqas ikopru l-eżamijiet ta' l-ispeċji varji;

(ċ) il-ħtiġiet minimi biex isiru l-eżamijiet;

(d) il-perjodu massimu tal-validità ta' l-aċċettazzjoni uffiċjali ta' varjetà.

6. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21:

— tista' tiġi stabbilita sistema tan-notifikazzjonijiet tal-varjetajiet jew l-ispeċji jew l-ibridi interspeċifiċi lill-korpi uffiċjali responsabbli ta' l-Istati Membri,

— jistgħu jiġu addottat dispożizzjonijiet addizzjonali sabiex jiġi implimentat il-paragrafu 2(ii),

▼B

— jista' jiġi deċiż illi jiġi stabbilit u ppubblikat katalogu komuni tal-varjetajiet.

L-Artikolu 10

1. Waqt li l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikunu qegħdin jikbru u waqt il-qligħ jew it-tneħħija mill-materjal ġenitur, dawn għandhom jinżammu f'lottijiet separati.

2. Jekk jitqiegħdu flimkien il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ta' oriġinijiet differenti jew jitħalltu matul l-pakkettjar, il-ħażna, it-trasport jew il-kunsinja, il-fornitur għandu jżomm reġistrazzjonijiet li jinkludu t-tagħrif li ġej: il-kompożizzjoni tal-lott u l-oriġini tal-komponenti individwali tiegħu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità mal-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 billi jwettqu spezzjonijiet uffiċjali.

L-Artikolu 11

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(2), il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott għandhom ikunu mmarkitjati biss f'lottijiet biżżejjed omoġenji u jekk ikunu:

(i) ikkwalifikati bħala materjal tas-CAC u akkumpanjati b'dokument imfassal mill-fornitur skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-iskeda stabbilita skond l-Artikolu 4. Jekk tidher dikjarazzjoni uffiċjali f'dan id-dokument, din għandha tidher ċarament separata mit-tagħrif l-ieħor kollu fid-dokument; jew

(ii) ikkwalifikati bħala materjal pre-bażiku, bażiku jew attestat, u mogħti ċertifikat bħala ta' hekk mill-korp uffiċjali responsabbli skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-iskeda riferita fl-Artikolu 4.

Il-ħtiġiet rigward il-materjal tal-propagazzjoni u/jew il-pjanti tal-frott dwar it-tikkettjar u/jew is-siġillar u l-pakkettjar għandhom ikunu indikati fl-iskeda riferita fl-Artikolu 4.

Fil-każ ta' provvista bl-imnut tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott għall-konsumatur finali mhux professjonali, il-ħtiġiet dwar it-tikkettjar jistgħu jkunu limitati għal tagħrif approprjat dwar il-prodott.

L-Artikolu 12

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw:

— milli jiġi applikat l-Artikolu 11, il-produtturi ż-żgħar li l-produzzjoni u l-bejgħ kollu tagħhom tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott ikunu maħsuba għall-użu finali minn persuni fis-suq lokali li ma jkunux involuti professjonalment fil-produzzjoni tal-pjanti ("ċirkolazzjoni lokali").

— mill-kontrolli u l-ispezzjonijiet uffiċjali pprovvduti fl-Artikolu 18, iċ-ċirkolazzjoni lokali tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott prodotti minn dawn il-persuni eżentati.

Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, għandhom jiġu addottati miżuri ta' implimentazzjoni li jkollhom x'jaqsmu mal-ħtiġiet l-oħra dwar l-eżenzjonijiet imsemmija fl-ewwel u t-tieni inċiżi, b'mod partikolari rigward il-kunċetti ta' "produtturi żgħar" u ta' "suq lokali", u għall-proċeduri li għandhom x'jaqsmu magħhom.

L-Artikolu 13

Fil-każ ta' diffikultajiet temporanji fil-provvista tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, jistgħu jiġu addottati miżuri, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, li jirrigwardaw it-tqegħid fis–suq tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-

▼B

pjanti tal-frott li jilħqu ħtiġiet inqas strinġenti, mingħajr preġudizzju għar-regoli tas-saħħa tal-pjanti stabbiliti fid-Direttiva 77/93/KEE.

L-Artikolu 14

Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li jħarsu l-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx jkunu suġġetti għall-ebda restrizzjoni tat-tqegħid fis–suq rigward il-fornitur, is-saħħa tal-pjanti, il-mezz tat-tkabbir u l-arranġamenti ta' l-ispezzjonijiet għajr dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

L-Artikolu 15

Rigward il-prodotti riferiti fl-Anness II l-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jimponu kondizzjonijiet aktar strinġenti jew restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis–suq barra l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-iskedi riferiti fl-Artikolu 4 jew dawk li jkunu jinsabu fid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, skond kif ikun il-każ.

L-Artikolu 16

1. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, għandu jiġi deċiż jekk il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott prodotti f'pajjiż terz u joffru l-istess garanziji rigward l-obbligi dwar il-fornitur, l-identità, il-karatteristiċi, is-saħħa tal-pjanti, il-mezz ta' tkabbir, il-pakkettjar, l-arranġamenti ta' l-ispezzjoni, il-marka u s-siġill, humiex ekwivalenti f'dawn ir-rigwardi kollha għall-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott prodotti fil-Komunità u li jħarsu l-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Sakemm tittieħed id-deċiżjoni riferita fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, sa ►**M11** l-31 ta' Diċembru 2010 ◄, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/93/KEE, japplikaw lill-importazzjoni ta' materjal tal-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott minn pajjiżi terzi il-kondizzjonijiet għall-inqas ekwivalenti għal dawk indikati, fuq bażi temporanju jew permanenti, fl-iskedi addottati skond l-Artikolu 4. Meta dawn il-kondizzjonijiet ma jkunux stabbiliti fl-iskedi, il-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni jridu mill-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk li japplikaw għall-produzzjoni fl-Istat Membru interessat.

Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, id-data riferita fl-ewwel subparagrafu tista', għall-pajjiżi terzi varji, tiġi estiża sakemm jittieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott importati minn Stat Membru skond deċiżjoni meħuda minn dan l-Istat Membru skond l-ewwel subparagrafu ma għandhom ikunu suġġetti għall-ebda restrizzjoni tat-tqegħid fis–suq fl-Istati Membri l-oħra rigward il-materji msemmija fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 17

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott jiġu spezzjonati uffiċjalment matul il-produzzjoni u l-*marketing*, u bi spezzjonijiet mingħajr għażla minn qabel fil-każ tal-materjal tas-CAC, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

L-Artikolu 18

Għandhom jiġu adottati regoli ddettaljati sabiex jimplimentaw il-kontrolli pprovduti fl-Artikolu 5 u għall-ispezzjoni uffiċjali pprovvdut fl-Artikoli 10 u 17, inklużi l-metodi tat-teħid tal-kampjuni, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

▼B

L-Artikolu 19

1. Jekk, matul is-sorveljanza u l-monitoraġġ ipprovduti fl-Artikolu 6 (4), l-ispezzjoni uffiċjali riferit fl-Artikolu 17, jew il-provi riferiti fl-Artikolu 20, jinstab illi l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ma jilħqux il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, il-korp uffiċjali responsabbli ta' l-Istat Membru għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat illi jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jew, jekk dan mhux possibbli, li jiġi pprojbit it-tqegħid fis –suq ta' dan il-materjal tal-propagazzjoni u ta' dawn il-pjanti tal-frott fil-Komunità.

2. Jekk jinstab illi l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott immarkitjati minn fornitur partikolari ma jħarsux il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istat Membru interessat għandu jiżgura illi jittieħdu l-miżuri xierqa kontra dan il-fornitur. Jekk il-fornitur jiġi pprojbit milli jimmarkitja l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott, l-Istat Membru għandu jgħarraf kif approprjat lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri.

3. Kull miżura meħuda skond il-paragrafu 2 għandha tiġi rtirata hekk kif ikun stabbilit b'ċertezza suffiċenti illi l-materjal tal-propagazzjoni jew il-pjanti tal-frott maħsuba għat-tqegħid fis –suq minn fornitur, iħarsu, fil-futur, il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

▼M8

L-Artikolu 20

1. Provi, jew, fejn ikun xieraq, testijiet għandhom jitwettqu fl-Istati Membri fuq kampjuni biex jiċċekjaw li l-materjal għal propagar u xtieli tal-frott ikunu konformi mar-rekwiżiti u kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva, inklużi dawk relatati mas-saħħa tax-xtieli. Il-Kummissjoni tista' torganizza spezzjonijiet tal-provi mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni.

2. Testijiet u provi komparattivi tal-Komunità jistgħu jitwettqu fi ħdan il-Komunità għall-kontroll ta' wara tal-kampjuni tal-materjal għal propagar jew xtieli tal-frott imqiegħda fis-suq skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sew jekk obbligatorji jew liberi, inklużi dawk relatati mas-saħħa tax-xtieli. It-testijiet u provi komparattivi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

— materjal għal propagazzjoni jew xtieli tal-frott magħmul f'pajjiżi barranin,

— materjal għal propagar jew xtieli tal-frott adatti għall-biedja organika,

— materjal għal propagar jew xtieli tal-frott imqiegħda fis-suq relatati ma' miżuri intiżi biex jippreservaw id-diversità ġenetika.

3. Dawn it-testijiet u provi komparattivi għandhom jintużaw biex jagħmlu konformi l-metodi tekniċi ta' eżami għal materjal ta' propagar u xtieli tal-frott u biex jiċċekkjaw li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li magħhom iż-żerriegħa għandha tkun konformi.

4. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21, għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għat-testijiet u provi komparattivi li għandhom jitwettqu. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 dwar l-arranġamenti tekniċi biex isiru t-testijiet u l-provi u r-riżultati tagħhom. Meta jinqalgħu problemi tas-saħħa tax-xtieli, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat Permanenti fuq is-Saħħa tax-Xtieli.

5. Il-Komunità tista' tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għat-twettiq tat-testijiet u provi previsti fil-paragrafi 2 u 3.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mgħandhiex tkun aktar mis-somma ta' flus ivvotata mill-awtorità dwar il-*budget*.

6. It-testijiet u l-provi li jistgħu jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità, u regoli dettaljati għall-provvista tal-kontribuz-

▼M8

zjoni finanzjarja, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 21.

7. It-testijiet u l-provi previsti fil-paragrafi 2 u 3 jistgħu jsiru biss mill-awtoritajiet jew persuni legali ta' l-Istat waqt li jaġixxu skond ir-responsabbiltà lejn l-Istat.

▼M7

L-Artikolu 21

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat permanenti tal-Materjal tal-Propagazzjoni u l-Pjanti tal-Ġenera u l-Ispeċji tal-Frott.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu. għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ([1]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli tiegħu ta' Proċedura.

L-Artikolu 22

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti tal-Materjal tal-Propagazzjoni u l-Ġenera u l-Ispeċji tal-Pjanti tal-Frott.

2. Meta jsir riferiment għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċijoni 1999/468/KE ([1]).

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolun 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffisat għal tliet xhur.

▼B

L-Artikolu 23

L-emendi għall-iskedi stabbiliti skond l-Artikolu 4 u għall-kondizzjonijiet u r-regoli dettaljati sabiex jimplimentaw din id-Direttiva għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

L-Artikolu 24

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott prodotti fit-territorju tagħhom u maħsuba għat-tqegħid fis –suq jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. Jekk, waqt spezzjoni uffiċjali, jinstab illi l-materjal tal-propagazzjoni jew il-pjanti tal-frott ma jistgħux jiġu mmarkitjati minħabba li ma jikkonformawx ma' kondizzjoni rigward is-saħħa tal-pjanti, l-Istat Membru interessat għandu jieħu l-miżuri uffiċjali xierqa sabiex jelimina kull riskju għas-saħħa tal-pjanti li jista' jirriżulta.

L-Artikolu 25

Fi żmien ħames snin mid-data li fiha tiġi addottata din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina r-riżultati dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat lill-Kunsill rapport, akkumpanjat b'kull proposta meħtieġa għal emendi.

L-Artikolu 26

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1992. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

Meta jiġu addottati dawn il-miżuri mill-Istati Membri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati bir-referenza msemmija fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi sabiex issir ir-referenza msemmija għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri.

2. Safejn u sakemm jirrigwarda l-Artikoli 5 sa 11, 14, 15, 17, 19 u 24, id-data ta' l-applikazzjoni għal kull ġeneru jew speċi msemmija fl-Anness II għandha tiġi ffissata skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 21, meta titfassal l-iskeda msemmija fl-Artikolu 4.

L-Artikolu 27

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

L-ANNESS I

L-iskedi msemmija skond l-Artikolu 4

▼**M9**

L-ANNESS II

LISTA TA' GENERA U SPEĊI LI GĦALIHOM TAPPLIKA DIN ID-DIRETTIVA

Castanea sativa Mill.

Citrus L.

Corylus avellana L.

Cydonia oblonga Mill.

Ficus carica L.

Fortunella Swingle

Fragaria L.

Juglans regia L.

Malus Mill.

Olea europaea L.

Pistacia vera L.

Poncirus Raf.

Prunus amygdalus Batsch

Prunus armeniaca L.

Prunus avium (L.) L.

Prunus cerasus L.

Prunus domestica L.

Prunus persica (L.) Batsch

Prunus salicina Lindley

Pyrus L.

Ribes L.

Rubus L.

Vaccinium L.